ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 384

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

13 ta' Diċembru 2012

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 384/01 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ([1]) ..... 1

2012/C 384/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6715 – CNOOC/Nexen) ([1]) ..... 3

2012/C 384/03 Bidu ta' proċeduri (Każ COMP/M.6576 – Munksjö/Ahlstrom) ([1]) ..... 4


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2012/C 384/04 Rata tal-kambju tal-euro ..... 5


MT

Prezz: EUR 3

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2012/C 384/05 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd ..... 6

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

2012/C 384/06 L-ebda għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE ..... 7

2012/C 384/07 Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni ..... 8

2012/C 384/08 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat) ..... 9

2012/C 384/09 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1j tal-Anness XV tal-Ftehim ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat) ..... 11

2012/C 384/10 L-avviż tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza/skont attwali għal tliet Stati tal-EFTA li japplikaw mill-1 ta' Awwissu 2012 *(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta Lulju 2004)* ..... 12

2012/C 384/11 L-avviż tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza/skont attwali għal tliet Stati tal-EFTA li japplikaw mill-1 ta' Settembru 2012 *(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004)* ..... 13

---

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)**

2012/C 384/12 Avviż ta' kompetizzjoni ġenerali ..... 14

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

## Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 384/01)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 6.2.2012 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33880 (11/N) |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Aides aux cinémas du monde (aide sélective à la production cinématographique) |
| Il-bażi legali | Article L 111-2, 2° d) et e) du code du cinéma et de l'image animée; loi 2010-873 du 27 juillet 2010 relative à l'action extérieure de l'État; décret 1998-66 du 4 février 1998 portant création du comité interministériel de la coopération internationale et du développement; article 7, 10 et 68 à 71 du décret 1999-130 du 24 février 1999 modifié relatif au soutien financier de l'industrie cinématographique; décret 2006-672 du 8 juin 2006 modifié relatif à la création, à la composition et au fonctionnement de commissions administratives à caractère consultatif; décret 2010-654 du 11 juin 2010 relatif au Centre national du cinéma et de l'image animée; décret 2010-1695 du 30 décembre 2010 relatif à l'Institut français |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 6,5 miljun<br>Baġit globali: EUR 39 miljun |
| L-intensità | 80 % |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2017 |
| Setturi ekonomiċi | Il-Midja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Centre national du cinéma et de l'image animée<br>12 rue de Lübeck<br>75784 Paris Cedex 16<br>FRANCE |

| | |
|---|---|
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 20.11.2012 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.34736 (12/N) |
| Stat Membru | Spanja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Sistema de amortización anticipada aplicable a determinados elementos patrimoniales arrendados del inmovilizado material |
| Il-bażi legali | Apartado 11 del artículo 115 del texto refundido de la Ley del Impuesto sobre Sociedades |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | — |
| Il-forma tal-għajnuna | Posponiment ta' taxxa |
| L-estimi | — |
| L-intensità | Miżura li mhix għajnuna |
| It-tul ta' żmien | — |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerio de Hacienda y Administraciones Públicas |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.6715 – CNOOC/Nexen)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 384/02)

Fis-7 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32012M6715. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

**Bidu ta' proċeduri**

**(Każ COMP/M.6576 – Munksjö/Ahlstrom)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 384/03)

Fis-7 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni iddeċidiet li tibda proċeduri fil-każ ta' hawn fuq wara li sabet li l-konċentrazzjoni nnotifikata tqajjem dubji serji dwar il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni. Il-bidu tal-proċeduri jiftaħ it-tieni fażi ta' investigazzjoni fir-rigward tal-konċentrazzjoni nnotifikata, u jsir mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali dwar il-każ. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati sabiex jissottomettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet li jistgħu jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Sabiex l-osservazzjonijiet jiġu kkunsidrati bis-sħiħ fil-proċedura, dawn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux iktar tard minn 15-il jum wara d-data tal-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (+32 22964301 / 2967244) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.6576 – Munksjö/Ahlstrom, fl-indirizz li ġej:

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

IV

*(Informazzjoni)*

## INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**It-12 ta' Diċembru 2012**

(2012/C 384/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3040 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,2358 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 108,12 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,2850 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4604 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1061 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,80775 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,5504 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,6275 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,5926 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2109 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 400,12 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,3109 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,3295 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,1480 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,5225 |
| CZK | Krona Ċeka | 25,265 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 558,82 |
| HUF | Forint Ungeriż | 282,33 | MYR | Ringgit Malażjan | 3,9792 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 53,502 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,6961 | RUB | Rouble Russu | 39,9645 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,0969 | THB | Baht Tajlandiż | 39,928 |
| RON | Leu Rumen | 4,5268 | BRL | Real Brażiljan | 2,7112 |
| TRY | Lira Turka | 2,3198 | MXN | Peso Messikan | 16,6319 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 70,7490 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar l-għeluq tas-sajd

(2012/C 384/05)

F'konformità mal-Artikolu 35(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), ittieħdet deċiżjoni biex is-sajd jingħalaq kif deskritt fit-tabella ta' hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Data u ħin tal-għeluq | 21.11.2012 |
| Tul ta' żmien | 21.11.2012–31.12.2012 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Stokk jew Grupp ta' stokkijiet | HER/1/2- |
| Speċi | Aringa (*Clupea harengus*) |
| Żona | L-ilmijiet tal-UE, l-ilmijiet Norveġiżi u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni I u II |
| Tip(i) ta' bastimenti tas-sajd | — |
| Numru ta' referenza | FS55TQ44 |

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

# INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

## L-ebda għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

(2012/C 384/06)

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA hija tal-fehma li l-miżura li ġejja ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:** | 11 ta' Lulju 2012 |
| **Numru tal-każ:** | 70645 |
| **Numru tad-deċiżjoni:** | 289/12/COL |
| **Stat tal-EFTA:** | In-Norveġja |
| **Isem u indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:** | Il-Muniċipalità ta' Oslo<br>Rådhuset<br>0037 Oslo<br>NORWAY |
| **It-titolu tal-miżura (u/jew isem il-benefiċjarju):** | Ftehimiet ta' kera u ta' użu bejn il-Muniċipalità ta' Oslo u l-Oslo Cancer Cluster Innovasjonspark AS |
| **Forma ta' għajnuna:** | Mhux applikabbli |
| **Baġit:** | Mhux applikabbli |
| **Tul ta' żmien:** | Mhux applikabbli |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet kull informazzjoni kunfidenzjali, huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/

**Għajnuna mill-Istat – Deċiżjoni biex ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni**

(2012/C 384/07)

L-awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA hija tal-fehma li l-miżuri li ġejjin jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 61 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni:** | 11 ta' Lulju 2012 |
| **Numru tal-każ:** | 68972 |
| **Numru tad-deċiżjoni:** | 292/12/COL |
| **Stat tal-EFTA:** | L-Islanda |
| **Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju):** | Deċiżjoni dwar għajnuna mill-Istat li ngħatat mill-Istat Islandiż permezz ta' New Glitnir, New Landsbankinn u New Kaupþing waqt l-istralċ ta' ċerti fondi ta' investiment |
| **Bażi legali:** | L-Artikolu 61(1) u 3(b) taż-ŻEE |
| **Tip ta' miżuri:** | Għajnuna bħala rimedju għal taħwid serju fl-ekonomija |
| **Setturi ekonomiċi:** | Servizzi finanzjarji |

It-test awtentiku tad-deċiżjoni, li minnu tneħħiet l-informazzjoni kunfidenzjali kollha, qiegħed fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA:

http://www.eftasurv.int/state-aid/state-aid-register/

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1j tal-Anness XV tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta’ għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat)**

(2012/C 384/08)

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | GBER 10/12/R&D | |
| L-Istat tal-EFTA | In-Norveġja | |
| L-awtorità awtorizzanti | Isem | Innovation Norway |
| | Indirizz | PO Box 448, Sentrum<br>0104 Oslo<br>NORWAY |
| | Il-paġna tal-internet | http://www.innovationnorway.com |
| It-titolu tal-miżura ta’ għajnuna | Skema ta’ Innovazzjoni Bbażata fuq l-Injam | |
| Il-bażi legali nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | Baġit Statali (2011-2012), Kapitolu 1149, punt 71. | |
| Il-link tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta’ għajnuna | http://www.innovasjonnorge.no/Satsinger/Landbruk/Trebasert-innovasjonsprogram/ | |
| Tip ta’ miżura | Skema | X |
| Tul ta’ żmien | Skema | Mill-1.8.2012 sal-31.12.2013 |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | Is-setturi kollha jistgħu jirċievu għajnuna, sa kemm il-benefiċjarji jikkontribwixxu għall-għan ġenerali tal-iskema – biex tiżdied l-utilizzazzjoni tal-injam. |
| It-tip ta’ benefiċjarju | SME | X |
| | Impriżi kbar | X |
| Baġit | L-ammont totali annwali tal-baġit ippjanat skont l-iskema | NOK 26 (f’miljuni) |
| | Ammont globali tal-għajnuna ad hoc mogħtija lill-impriża | NOK … (f’miljuni) |
| | Għall-garanziji | NOK … (f’miljuni) |
| L-istrument ta’ għajnuna (Art. 5) | Għotja | X |

PARTI II

| L-Għanijiet Ġenerali (lista) | L-Għanijiet (lista) | L-intensità massima ta’ għajnuna f’% jew l-Ammont massimu ta’ għajnuna f’NOK | SME – bonusijiet f’% |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għal konsulenza u l-parteċipazzjoni tal-SMEs ġo fieri (Art. 26-27) | Għajnuna għall-konsulenza favur l-SMEs (l-Art. 26) | 50 % | |
| | Għajnuna għall-parteċipazzjoni tal-SMEs f’fieri (l-Art. 27) | 50 % | |

| L-Għanijiet Ġenerali (lista) | L-Għanijiet (lista) | | L-intensità massima ta' għajnuna f'% jew l-Ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f'% |
|---|---|---|---|---|
| Għajnuna għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (l-Art. 30-37) | Għajnuna għal proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp (l-Art. 31) | Riċerka fundamentali (l-Art. 31(2)(a)) | … % | |
| | | Riċerka industrijali (l-Art. 31(2)(b)) | 50 % | 10/20 % |
| | | Żvilupp sperimentali (l-Art. 31(2)(c)) | 25 % | 10/20 % |
| | Għajnuna għall-istudji tekniċi ta' vjabbiltà (l-Art. 32) | | 40/65 % | 10 % |
| | Għajnuna għall-ispejjeż ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali għall-SMEs (Art. 33) | | 50 % | |
| | Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur agrikolu u fis-settur tas-sajd (l-Art. 34) | | | |
| | Għajnuna lill-impriżi innovattivi żgħar (Art. 35) | | NOK 8 miljun | |
| | Għajnuna għal servizzi ta' konsulenza dwar l-innovazzjoni u għal servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni (Art. 36) | | NOK 1,6 miljun | |
| | Għajnuna għas-self tal-persunal bi kwalifiki għolja (l-Art. 37) | | 50 % | |
| Għajnuna għat-taħriġ (Art. 38-39) | Taħriġ speċifiku (l-Art. 38(1)) | | 25 % | 10/20 % |
| | Taħriġ ġenerali (l-Art. 38(2)) | | 60 % | 10/20 % |

**Informazzjoni kkomunikata mill-Istati tal-EFTA dwar għajnuna mill-Istat mogħtija skont l-Att imsemmi fil-punt 1j tal-Anness XV tal-Ftehim ŻEE (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat)**

(2012/C 384/09)

PARTI I

| | | |
|---|---|---|
| Għajnuna Nru | GBER 11/12/EMP | |
| L-Istat tal-EFTA | In-Norveġja | |
| Ir-reġjun | L-isem tar-Reġjun (NUTS)<br>Il-livell 3 – Troms | Stejtus tal-għajnuna reġjonali 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE |
| L-awtorità awtorizzanti | Isem | Troms fylkeskommune |
| | L-indirizz<br><br><br>Il-paġna tal-internet | Kaxxa postali 6600<br>9296 Tromsø<br>NORWAY<br>http://www.tromsfylke.no |
| It-titolu tal-miżura ta' għajnuna | Programm ta' żvilupp reġjonali għall-Kontea ta' Troms 2010-2013 | |
| Il-bażi legali nazzjonali (Referenza għall-pubblikazzjoni nazzjonali uffiċjali rilevanti) | Il-Fond għall-iżvilupp tal-Kontea ta' Troms kien ġie stabbilit minn deċiżjoni tat-12 ta' Marzu 1985 mill-Kunsill tal-Kontea ta' Troms | |
| Il-link tal-internet għat-test sħiħ tal-miżura ta' għajnuna | http://www.tromsfylke.no/LinkClick.aspx?fileticket=qah_PB73Oyc%3d&tabid=332 | |
| It-tip ta' miżura | Skema | X |
| Emenda ta' miżura ta' għajnuna eżistenti | | Numru tal-għajnuna tal-Awtorità tas-Sorveljanza tal-EFTA<br>In-numru ta' Referenza ESA 2/2005 |
| | Estensjoni | 2010-2013 |
| It-tul ta' żmien | Skema | 1.1.2010 sa 31.12.2013 |
| Is-settur(i) ekonomiku/ekonomiċi kkonċernat(i) | Is-setturi ekonomiċi kollha eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna | X |
| It-tip ta' benefiċjarju | SME | X |
| Il-baġit | L-ammont totali annwali tal-baġit ppjanat skont l-iskema | NOK 8 (f'miljuni) |
| L-istrument tal-għajnuna (l-Art. 5) | Għotja | X |
| | Is-sussidju għar-rata tal-imgħax: | |
| | Self | X |

PARTI II

| L-Għanijiet Ġenerali (lista) | L-objettivi (lista) | L-intensità massima ta' għajnuna f' % jew l-Ammont massimu ta' għajnuna f'NOK | SME – bonusijiet f' % |
|---|---|---|---|
| Għajnuna għall-investiment u l-impjiegi għall-SMEs (l-Art. 15) | | 50 % | 0 % |

**L-avviż tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza/skont attwali għal tliet Stati tal-EFTA li japplikaw mill-1 ta' Awwissu 2012**

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta Lulju 2004* [1]*)*

(2012/C 384/10)

Ir-rati bażi huma kkalkulati b'konformità mal-Kapitolu dwar il-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u ta' skont tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-għajnuna mill-Istat kif emendati mid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 788/08/COL tas-17 ta' Diċembru 2008 [2]. Biex tinkiseb ir-rata ta' referenza applikabbli, għandhom jiżdiedu marġni xierqa b'konformità mal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat. Fir-rigward tar-rata ta' skont dan ifisser li l-marġni xieraq ta' 100 punt bażi jrid jiżdied mar-rata bażi. Ir-rata ta' rkupru għandha normalment tiġi kkalkulata wkoll billi jkunu miżjuda 100 punt bażi fuq ir-rata bażi kif previst fid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 789/08/COL tas-17 ta' Diċembru 2008 [3] li temenda d-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004 [4].

| | L-Islanda | Il-Liechtenstein | In-Norveġja |
|---|---|---|---|
| 1.1.2012-31.5.2012 | 4,70 | 0,31 | 3,57 |
| 1.6.2012-31.7.2012 | 4,70 | 0,38 | 3,57 |
| 1.8.2012- | 5,90 | 0,38 | 3,57 |

(1) ĠU L 139, 25.5.2006, p. 37 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 26, 25.5.2006, p. 1.
(2) ĠU L 105, 21.4.2011, p. 32 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 23, 21.4.2011, p. 1.
(3) ĠU L 340, 22.12.2010, p. 1 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 72, 22.12.2010, p. 1.
(4) Ara l-verżjoni kkonsolidata fis-sit http://www.eftasurv.int/media/decisions/195-04-COL.pdf

**L-avviż tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA dwar ir-rati ta' interess ta' rkupru tal-għajnuna mill-Istat u r-rati ta' referenza/skont attwali għal tliet Stati tal-EFTA li japplikaw mill-1 ta' Settembru 2012**

*(Ippubblikat skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004* [1]*)*

(2012/C 384/11)

Ir-rati bażi huma kkalkulati b'konformità mal-Kapitolu dwar il-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u ta' skont tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-għajnuna mill-Istat kif emendati mid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 788/08/COL tas-17 ta' Diċembru 2008. [2] Biex tinkiseb ir-rata ta' referenza applikabbli, għandhom jiżdiedu marġni xierqa b'konformità mal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat. Fir-rigward tar-rata ta' skont dan ifisser li l-marġni xieraq ta' 100 punt bażi jrid jiżdied mar-rata bażi. Ir-rata ta' rkupru għandha normalment tiġi kkalkulata wkoll billi jkunu miżjuda 100 punt bażi fuq ir-rata bażi kif previst fid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 789/08/COL tas-17 ta' Diċembru 2008 [3] li temenda d-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 195/04/COL tal-14 ta' Lulju 2004. [4]

| | L-Islanda | Il-Liechtenstein | In-Norveġja |
|---|---|---|---|
| 1.1.2012-31.5.2012 | 4,70 | 0,31 | 3,57 |
| 1.6.2012-31.7.2012 | 4,70 | 0,38 | 3,57 |
| 1.8.2012-31.8.2012 | 5,90 | 0,38 | 3,57 |
| 1.9.2012- | 5,90 | 0,38 | 2,95 |

(1) ĠU L 139, 25.5.2006, p. 37 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 26, 25.5.2006, p. 1.
(2) ĠU L 105, 21.4.2011, p. 32 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 23, 21.4.2011, p. 1.
(3) ĠU L 340, 22.12.2010, p. 1 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 72, 22.12.2010, p. 1.
(4) Ara l-verżjoni kkonsolidata fis-sit http://www.eftasurv.int/media/decisions/195-04-COL.pdf

V

*(Avviżi)*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI (TAL-PERSUNAL (EPSO)

## AVVIŻ TA’ KOMPETIZZJONI ĠENERALI

(2012/C 384/12)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza din il-kompetizzjoni ġenerali:

EPSO/AST/125/12 – Assistenti (AST 3) fl-oqsma li ġejjin:

1. Awditjar
2. Finanzi/Kontabilità
3. Ekonomija/Statistika

L-avviż tal-kompetizzjoni hu ppubblikat fit-23 lingwa fil-Ġurnal Uffiċjali C 384 A tas-6 ta’ Diċembru 2012.

Għal aktar tagħrif ikkonsulta l-websajt tal-EPSO http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# QORTI TAL-EFTA

**L-għamla tal-Qorti tal-EFTA**

**Il-Ħatra tar-Reġistratur tal-Qorti tal-EFTA**

(2012/C 384/13)

Is-Sur Gunnar Selvik inħatar Reġistratur tal-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 9, il-Protokoll 5 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti għall-perjodu mill-1 ta’ Settembru 2012 sal-31 ta’ Awwissu 2015, biex jieħu post is-Sur Skúli Magnússon.

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6747 – Energie Steiermark/Steweag-Steg)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 384/14)

1. Fis-6 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]) li permezz tagħha l-impriża Energie Steiermark AG ("Energie Steiermark", l-Awstrija), ikkontrollata b'mod konġunt minn Land Steiermark u EDF group, takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ tal-impriża Steweag-Steg GmbH ("SSG", l-Awstrija) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Energie Steiermark: il-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, tal-gass u tas-tisħin prinċipalment fl-Awstrija,

— għal SSG: il-kummerċ u d-distribuzzjoni tal-elettriku prinċipalment fl-Awstrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6747 – Energie Steiermark/Steweag-Steg, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2012/C 384/15)

Din il-pubblikazzjoni tagħti d-dritt li wieħed joġġezzjona għat-talba skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). L-istqarrijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni Ewropea fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"FAL OYSTER"**

**Nru tal-KE: UK-PDO-0005-0885-22.07.2011**

**IĠP ( ) DPO ( X )**

1. **Isem:**

"Fal Oyster"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz:**

Ir-Renju Unit

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel:**

3.1. *It-tip ta' prodott:*

Il-kategorija 1.7. Ħut, molluski u krustaċi friski, u prodotti magħmulin minnhom

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem mogħti fil-punt 1:*

L-isem "Fal Oyster" jintuża għall-gajdar maqbud fiż-żona identifikata bl-użu ta' dgħajjes tradizzjonali tal-qlugħ u tal-qdif fil-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu.

Il-gajdar tat-tip "Fal Oyster" huwa gajdar tal-ispeċi *Ostrea edulis*, magħruf b'mod komuni bħala gajdar ċatt jew gajdar endemiku. Il-qoxra tiegħu ma tkunx tonda għal kollox u tkun irregolari, b'forma ovali u b'wiċċ aħrax u kollu qxur. Hija tkun kannella jew lewn il-krema u jkollha faxex konċentriċi ta' lewn kannella ċar jew li jagħtu fil-blu fuq in-naħa ta' barra tagħha. Fuq in-naħa ta' ġewwa, il-qoxra tkun lixxa ħafna u ġawhrija u tkun ta' lewn abjad jew griż li jagħti fil-blu, u ħafna drabi jkollha partijiet li jkunu ta' lewn blu iktar skur.

Iż-żewġ nofsijiet tal-qoxra (iż-żewġ qoxriet tal-gajdra) għandhom forom differenti. Il-qoxra tax-xellug tkun konkava u mwaħħla mas-sottostrat, waqt li dik tal-lemin tkun ċatta u tkun tinsab ġo dik tax-xellug. Il-gajdar jista' jikber għal madwar 110 millimetri. Il-gajdar tat-tip "Fal Oyster" jinqabad biss bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Marzu bl-użu ta' metodi tradizzjonali li huma uniċi għaż-żona.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

L-Assoċjazzjoni tal-Gran Brittanja tal-frott tal-baħar bil-qoxra kkaratterizzat il-kwalitajiet organolettiċi ta' dan it-tip ta' gajdar kif ġej:

l-imnieħer: jodju;

laħam il-gajdar: immerraq u b'togħma ta' bettieħ, ħass u ħjar;

togħma wara: togħma ħafifa u li tibqa' ta' landa u ta' ram;

konsistenza: soda u mielħa.

Fid-dehra l-laħam huwa lewn il-krema, waqt li t-truf huma opaki u griżi.

Wara li jinqabad u jissaffa mill-impuritajiet, il-gajdar jinbiegħ ħaj "fil-qoxra" lill-bejjiegħa bl-imnut jew jitwassal lir-ristoranti madwar ir-Renju Unit kollu, kif ukoll jiġi esportat barra l-pajjiż. Meta jinħażnu, il-prodotti ħajjin jibqgħu tajbin għall-ikel għal madwar ħamest ijiem.

3.3. *Il-materja prima (għall-prodotti pproċessati biss):*

—

3.4. *L-għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss):*

—

3.5. *L-istadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom jitwettqu fiż-żona ġeografika identifikata:*

Il-gajdar jitkabbar u jinqabad fiż-żona ddefinita fil-perjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu biss, bl-użu ta' dgħajjes tradizzjonali mingħajr muturi.

3.6. *Ir-regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għall-ħakk, għall-ippakkjar, eċċ.:*

—

3.7. *Ir-regoli speċifiċi għat-tikkettar:*

—

4. **Deskrizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika:**

Nisgħtu ngħidu li ż-żona fejn jiġi prodott il-gajdar tat-tip "Fal Oyster" taqa' fi ħdan il-port tas-sajd ta' Truro. Il-limiti legali ta' dan il-port huma deskritti fid-digriet dwar is-sajd tal-1936, li ġie emendat fl-1975, bħala l-partijiet kollha tal-port ta' Truro u tal-port ta' Falmouth u s-sodod tax-xmajjar Truro, Fal u Tresillian, li b'kollox ikopru żona ta' 2 721 ejkers (1,101 ettari).

Wieħed jista' jgħid li din iż-żona tinsab fit-Tramuntana ta' linja miġbuda bejn il-punt ta' Trefusis u l-Kastell ta' St. Mawes sas-sinjal medju ta' baħar fieragħ meta jkun hemm marea normali. It-tarf taż-żona tas-sajd huwa s-sinjal medju ta' baħar fieragħ li jikkoinċidi mal-kosta, ħlief fid-daħla ta' kull qala li tindika l-limiti massimi taż-żona tas-sajd f'Mylor, St Just u Malpas.

Iż-żona ddefinita hija l-unika żona regolatorja għas-sajd tal-gajdar endemiku fil-Lbiċ tal-Ingilterra.

5. **Rabta maż-żona ġeografika:**

5.1. *L-ispeċifiċità taż-żona ġeografika:*

Ix-xmara Fal hija żona tas-sajd naturali u selvaġġa li fiha ma jiġix ikkultivat jew imnissel il-gajdar. Iseħħ ammont żgħir ta' "tnissil" tal-irqajja' selvaġġi u naturali minħabba li, waqt is-sajd, is-sottostrat (il-massa ta' biċċiet tal-ġebel, qxur u ramel oħxon li jiffurmaw il-bażi tas-sodda tal-gajdar, bl-Ingliż magħrufa bħala "cultch") jiċċaqlaq bil-gangmu. Dan iżomm iż-żona tas-sajd f'kundizzjoni tajba u t-tħammil żejjed minn żmien għall-ieħor tal-irqajja' mingħajr il-qbid tal-gajdar (deskritt bħala tixtib) ikompli jtejjeb l-irqajja' tal-gajdar u jinkuraġġixxi ħafna frieħ tal-gajdar biex jeħlu mar-roqgħa (jinkuraġġixxi l-gajdar żgħir biex jissetilja).

Ix-xmajjar taż-żona ta' Fal jimtlew bl-ilma minn widien bi ġnub weqfin u fihom kontenut minerali u bijoloġiku għani. L-estwarju wkoll huwa fond ħafna u għalhekk l-ilma jiċċirkola minbarra li jinbidel ma' kull marea. Dan l-ambjent uniku jiġġenera l-plankton li l-gajdar imbagħad jiekol.

Barra minn hekk, l-evidenza turi li l-minjieri ta' madwar Cornwall kollha huma minjieri bl-ilma li lkoll ikollhom jiġu żvojtati bil-pompi jew li jitbattlu b'mod naturali għal ġol-Wied ta' Carnon li jagħti għall-estwarju ta' Fal u għaż-żona tal-qbid. Dan l-ilma fih ħafna minerali li huma uniċi għaż-żona. Huma dawn il-minerali, b'mod speċifiku r-ram u ż-żingu, li jikkontribwixxu għal dik it-togħma distintiva metallika tal-gajdar tat-tip "Fal Oyster". Minħabba f'hekk, il-gajdar tat-tip "Fal Oyster" huwa differenti, mil-lat organolettiku, mill-gajdar l-ieħor li jikber f'din iż-żona.

Il-rabta qawwija li hemm bejn iż-żona tas-sajd u l-prodott tidher biċ-ċar mir-reġistri tas-sajd li jiddeskrivu l-operazzjoni tal-qbid, it-tkabbir u l-kummerċjalizzazzjoni tal-gajdar tat-tip "Fal Oyster" fix-xmara Fal u madwarha, u fix-xmajjar li jmissu magħha u madwarhom. Ir-reġistri storiċi jiddeskrivu d-dgħajjes tal-qlugħ u d-dgħajjes tal-qdif jistadu bil-gangmi. Id-deskrizzjonijiet huma simili ħafna għall-metodi u t-tagħmir użat illum il-ġurnata. Hemm bosta reġistri li jiddeskrivu metodi storiċi u kontemporanji tal-qbid li ma jintużaw f'ebda żona oħra.

Huma u jsegwu metodi storiċi u tradizzjonali, is-sajjieda jirmunkaw il-gangmi mad-dgħajjes tal-qlugħ u mad-dgħajjes tal-qdif u ma jużaw l-ebda mutur biex jaqbdu l-gajdar. Din it-tradizzjoni tas-sajd li ilha teżisti għal bosta snin tidher biċ-ċar fl-għarfien u t-tagħmir li ngħaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra ta' sajjieda. Hemm provi li d-dgħajjes użati ngħaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra u xi whud mid-dgħajjes għandhom iktar minn mitt sena. Eżempji tal-ħiliet li ngħaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra jinkludu l-ħila li wieħed isib fejn jinsab il-gajdar, it-tqandil b'attenzjoni tal-qabda u l-metodi ta' tħammil ta' ċerti rqajja' partikulari tal-gajdar skont il-marea u r-riħ.

Ir-referenzi storiċi li nsibu tul is-seklu dsatax jirreferu għall-kummerċ fil-qbid u t-tkabbir tal-gajdar fiż-żona tal-port ta' Falmouth, li kien jinkludi s-sajd, it-tkabbir, l-għażla u l-bejgħ tal-gajdar.

Tul is-seklu għoxrin saru ordinamenti biex il-metodi tas-sajd jiġu llimitati għat-tekniki tradizzjonali biss, b'mod partikulari biex jitħallew jintużaw biss dgħajjes tal-qlugħ u tal-qdif u wkoll biex dan it-tip ta' sajd jiġi protett fit-tul. Madankollu, il-flotta ta' madwar 100 dgħajsa tnaqqset b'mod katastrofiku fis-snin tmenin meta l-istokkijiet tal-gajdar naqsu ħafna wara li l-gajdar marad u dan it-tip ta' sajd ma baqax irendi. L-irkupru minn din il-marda seħħ bil-mod, iżda l-flotta kibret bil-mod il-mod, u grupp imsejjaħ il-Grupp għall-Ġestjoni tas-Sajd tal-Gajdar għaqqad flimkien lis-sajjieda tal-gajdar, lil dawk li jipproċessawh u lir-regolatur sabiex ikun hemm ġestjoni ta' dan is-sajd.

5.2. *L-ispeċifiċità tal-prodott:*

Il-karatteristiċi tal-gajdar tat-tip "Fal Oyster" huma marbutin maż-żona abbażi tat-tradizzjoni lokali tal-metodu tal-qbid li huwa uniku għaż-żona. Il-metodu tas-sajd juża gangmi rmunkati f'qiegħ il-baħar minn dgħajjes tal-qlugħ u tal-qdif. Dawn id-dgħajjes u l-gangmi huma tal-istess stil bħal dawk użati b'mod storiku u li jmorru lura għal deskrizzjonijiet mogħtija fl-1750.

Laħam il-gajdar huwa sod u jleqq bħall-ħarir b'wiċċ lixx. Huwa lewn il-krema, waqt li t-truf huma opaki u griżi. Huwa mielaħ u ħelu fit-togħma u t-togħma tixbah lil dik immerrqa tal-bettieħ, il-ħass u l-ħjar. It-togħma ta' wara tal-gajdar hija waħda metallika, ħafifa u li tibqa' ta' landa u ta' ram.

5.3. *Ir-rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew il-karatteristiċi l-oħra tal-prodott (għall-IĠP):*

It-togħma tal-gajdar tiddependi mill-ambjent fejn tkun kibret. Iż-żona tas-sajd ta' Fal timtela bl-ilma mill-widien ta' madwarha li fihom kontenut minerali u bijoloġiku għani. Barra minn hekk, l-estwarju fond ta' din iż-żona jippermetti lill-ilma jiċċirkola u jinbidel ma' kull marea u b'hekk hemm livell uniku ta' ilma mielaħ tal-baħar u ta' ilma ħelu tax-xmara. Dan l-ambjent jiġġenera l-plankton li l-gajdar imbagħad jiekol, u jwassal għall-kwalità tal-ikel tal-gajdar tat-tip "Fal Oyster", li huwa deskritt bħala aktar mielaħ, metalliku, kremuż u ħelu minn speċijiet oħrajn li jkunu ġejjin minn żoni oħrajn.

Il-karatteristiċi tal-gajdar tat-tip "Fal Oyster" huma marbutin maż-żona abbażi tat-tradizzjoni lokali tal-metodu tal-qbid li huwa uniku għaż-żona u tal-ħiliet li ngħaddew minn ġenerazzjoni għall-oħra, li jinkludu l-ħila li wieħed isib fejn jinsab il-gajdar, it-tqandil b'attenzjoni tal-qabda u l-metodi ta' tħammil ta' ċerti rqajja' partikulari tal-gajdar skont il-marea u r-riħ.

L-użu tal-isem "Fal Oyster" u l-fama tiegħu ta' togħma fina u kwalità tajba kibru permezz tax-xogħol iebes ta' dawk li jipproċessaw il-gajdar u tal-membri tal-Grupp għall-Ġestjoni tas-Sajd tal-Gajdar. Il-membri kollha jużaw l-isem "Fal Oyster" u jippreżentaw għall-bejgħ prodott ta' kwalità għolja permezz tal-katina tal-provvista bl-ingrossa u lil hinn minnha, fejn dan it-tip ta' gajdar huwa mfittex ferm mir-ristoranti kemm fir-Renju Unit kif ukoll f'pajjiżi oħra.

Sa mill-1996 'l hawn, sar festival tal-gajdar tat-tip "Fal Oyster" sabiex jiġu ċċelebrati l-bidu tal-istaġun ta' tħammil tal-gajdar, id-diversità u l-kwalità tal-frott tal-baħar tar-reġjun ta' Cornwall u, b'mod partikulari, sabiex jiġi ċċelebrat wieħed mill-aħħar tipi ta' sajd tradizzjonali għall-gajdar li għad baqa', jiġifieri t-tħammil bid-dgħajjes tal-qlugħ u tal-qdif.

Il-kok famuż Rick Stein jappoġġa dan il-festival u fetaħ ristorant fil-belt ta' Falmouth li jinkludi bar bil-frott tal-baħar sabiex jiċċelebra l-gajdar tat-tip "Fal Oyster". Il-gajdar tat-tip "Fal Oyster" issemma b'tifħir ukoll fil-films u fil-kotba tat-tisjir u mill-ġurnalisti li jiktbu dwar l-ikel.

Il-gajdar tat-tip "Fal Oyster" ġie rrikonoxxut fil-katalgu msejjaħ "Arka tat-Togħma" tal-moviment tal-ikel imsejjaħ "Slow Food Movement" u ġie deskritt bħala gajdar li ġej minn wieħed mill-ftit stokkijiet li għad baqa' tal-gajdar endemiku fir-Renju Unit.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni:**

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

http://archive.defra.gov.uk/foodfarm/food/industry/regional/foodname/products/documents/fal-oyster-pdo-120912.pdf

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2012/C 384/16)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"SAINT-MARCELLIN"**

**Nru tal-KE: FR-PGI-0005-0832-08.10.2010**

**IĠP ( X ) DPO ( )**

1. **Isem**:

"Saint-Marcellin"

2. **Stat Membru jew pajjiż terz**:

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**:

3.1. *Tip ta' prodott*:

Klassi 1.3: Ġobon.

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*:

Is-"Saint-Marcellin" huwa ġobon prodott minn ħalib sħiħ tal-baqra nej jew termizzat, mhux standardizzat mil-lat tax-xaħam u tal-proteini. Huwa għandu forma ta' ċilindru bi truf li jagħtu fit-tond, b'dijametru ta' bejn 65 mm u 80 mm, b'għoli ta' bejn 20 mm u 25 mm u jiżen mill-inqas 80 gramma. Dan il-ġobon għandu parti interna lattika ratba, li la hija maħduma u lanqas ippressata, hija ftit immelħa imma magħha la jiġu miżjuda ħwawar u lanqas taħwir u għandu flora fil-wiċċ li tista' tkun bajda, beige u griż jagħti fil-blu. Il-parti interna hija omoġenja meta tinqata'.

Is-"Saint-Marcellin" ikun fih bejn 40 gramma u 65 gramma xaħam għal kull 100 gramma ġobon wara li jkun tnixxef kompletament.

It-tnixxif jippermetti li s-"Saint-Marcellin" jiġi ppreżentat b'żewġ modi:

— Is-"Saint-Marcellin" "niexef", li jkollu kontenut niexef ta' iktar minn 44 %, isegwi t-tradizzjoni lokali, u jiġi mmaturat b'mod li jttejjeb il-kapaċità tiegħu li jiġi kkonservat billi l-proteolisi tiegħu tiġi limitata.

— Is-"Saint-Marcellin" "artab", li, wara tnixxif iktar moderat, ikollu aktar minn 40 % f'kontenut niexef, huwa soġġett għal metodu ta' maturazzjoni li jippermettilu li jiżviluppa togħmiet partikolari u konsistenza ratba jew saħansitra kremuża. Dan il-ġobon ta' tradizzjoni iktar reġjonali ta' spiss jitħalla jimmatura għal perjodu itwal ta' żmien.

Ikunu meħtieġa mill-inqas għaxart ijiem wara li jiżdied it-tames qabel ma s-"Saint-Marcellin" ikun jista' jiġi kkummerċjalizzat.

Għall-kummerċjalizzazzjoni tiegħu, is-"Saint-Marcellin" jista' jiġi ppakkjat jew le.

Mad-daqqa ta' għajn, il-qoxra tal-ġobon, xi drabi xi ftit imkemxa, għandha tkun fil-parti kbira, jew totalment, mgħottija b'moffa karatterizzata mill-kuluri li ġejjin: abjad, beige u griż jagħti fil-blu. Meta jitqatta', il-parti interna tal-ġobon, kulur il-krema, tkun lixxa u omoġenja u jista' jkollha xi toqob. Meta jittiekel, il-qoxra tiegħu bilkemm tinħass. Is-"Saint-Marcellin" artab jingħaraf mill-konsistenza li tinħall

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

tiegħu, filwaqt li l-konsistenza tas-“Saint-Marcellin” niexef hija waħda soda. It-togħma friska tiegħu għandha rikkezza aromatika ekwilibrata (togħma ta’ frott u ta’ għasel …) karatteristika tas-“Saint-Marcellin”, prinċipalment lattika u moderatament mielħa.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*:

Ħalib sħiħ tal-baqar mhux standardizzat mil-lat tax-xaħam u tal-proteini, li ġej miż-żona ġeografika.

Il-ħalib għandu jintuża nej jew termizzat, li jeskludi t-trattamenti tal-pastorizzazzjoni. Is-“Saint Marcellin” huwa ġobon ta’ tradizzjoni lokali li żviluppa f’żona fejn jitrabbew b’mod partikolari l-bovini tal-ħalib. Il-ħalib użat għall-ipproċessar tal-ġobon dejjem ġie mill-azjendi taż-żona ġeografika. Ir-reputazzjoni tiegħu nbniet minħabba l-koeżjoni ta’ katina ta’ produzzjoni li tgħaqqad flimkien produtturi ta’ ħalib ta’ kwalità, li jagħmlu użu mit-territorju u mill-potenzjal tiegħu, ma’ proċessuri li jħarsu l-għarfien lokali.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*:

Iż-żona ġeografika tal-produzzjoni hija kkaratterizzata minn żona tal-għalf kbira. Ir-raħħala naturalment dejjem għażlu li jiffavorixxu l-użu ta’ dawn ir-riżorsi lokali, li kkontribwew sabiex jagħtu lis-“Saint-Marcellin” il-karatteristiċi tiegħu. Huma jiddependu fuq il-ħaxix u b’mod iktar partikolari fuq il-ħuxlief għall-għalf tal-annimali u jagħmlu użu limitat mill-għalf supplimentari, sabiex jibqgħu konformi ma’ metodu ta’ trobbija tradizzjonali.

Għaldaqstant, il-kriterji applikabbli għall-għalf tal-baqar tal-ħalib huma:

— L-awtonomija fl-għalf: mill-inqas 80 % tal-materja niexfa tal-għalf totali annwali għandu jkun oriġina miż-żona ġeografika.

— Il-ħaxix f’kull forma tiegħu jirrappreżenta mill-inqas 50 % f’materja niexfa tal-għalf bażiku annwali.

— Għall-erba’ xhur tax-xitwa (Diċembru, Jannar, Frar u Marzu), il-ħuxlief jirrappreżenta 15 % tal-materja niexfa tal-għalf bażiku.

— L-għalf supplimentari awtorizzat jirrappreżenta mhux iktar minn 30 % tal-materja niexfa tal-għalf totali annwali. F’dan il-kuntest, l-għalf supplimentari awtorizzat huwa: iż-żrieragħ u l-prodotti sekondarji taċ-ċereali, żrieragħ taż-żejt u wċuħ tar-raba’ tal-proteini speċjalizzati, l-għalf magħmul mill-ġewż u l-legumi diżidratati. Huma awtorizzati mhux iktar minn 10 % tas-supplimenti msemmija iktar ’il fuq: ix-xorrox, il-patata u tuberi oħrajn, il-polpa tal-pitravi diżidrata, il-melassa u s-supplimenti nutrizzjonali: minerali, vitamini, oligoelementi, il-bikarbonat u l-melħ.

3.5. *Stadji speċifiċi fil-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika identifikata*:

L-istadji kollha involuti fil-produzzjoni tal-ħalib, fl-ipproċessar u fil-maturazzjoni tas-“Saint-Marcellin” għandhom isiru fiż-żona ġeografika identifikata.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-tħakkik, l-ippakkjar, eċċ.*:

Mhux applikabbli.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*:

Minbarra l-indikazzjonijiet obbligatorji previsti mir-regolamenti dwar it-tikkettar tal-ġobon, it-tikkettar ta’ kull ġobna għandu jinkludi:

— l-isem “Saint-Marcellin”,

— l-identifikazzjoni tal-azjenda tal-produzzjoni,

— il-logo tal-IĠP tal-Unjoni Ewropea u/jew l-indikazzjoni “Indication Géographique Protégée” (Indikazzjoni Ġeografika Protetta).

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**:

Iż-żona ġeografika tal-produzzjoni tas-“Saint-Marcellin” tinstab fuq ix-xatt tal-Lvant tax-xmara Rhône u tmiss mal-meded tal-muntanji ta’ Vercors. Iċ-ċentru ta’ din iż-żona hija l-commune ta’ Saint-Marcellin (li jinsab f’Isère) li tat isimha lill-prodott u li kienet iċ-ċentru tal-kummerċjalizzazzjoni inizjali tas-“Saint-Marcellin”. Iż-żona ġeografika ġiet iddefinita skont kriterji storiċi (il-post minn fejn bdew il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tas-“Saint-Marcellin”) u skont kriterji ġeografiċi (il-konsistenza tal-pajsaġġi u l-użu tal-ambjent).

Iż-żona ġeografika hija magħmula mill-cantons li ġejjin:

Fid-dipartiment ta' Drôme:

— Il-cantons kollha ta': (La) Chapelle-en-Vercors, l-ewwel u t-tieni cantons ta' Romans-sur-Isère, Saint-Donat-sur-l'Herbasse u Saint-Jean-en-Royans,

— Il-canton ta' Bourg-de-Péage ħlief għall-communes ta' Alixan, Bourg-de-Péage u Châteauneuf-sur-Isère,

— Il-canton ta' Chabeuil: il-communes ta' (Le) Chaffal, Chateaudouble u Peyrus biss,

— Il-canton ta' Crest-Nord: il-communes ta' Omblèze u Plan-de-Baix biss,

— Il-canton ta' (Le) Grand-Serre: il-communes ta' Le Grand-Serre, Hauterives, Montrigaud, Saint-Christophe-et-le-Laris u Tersanne biss,

— Il-canton ta' Saint-Vallier: il-communes ta' Châteauneuf-de-Galaure, Claveyson, Fay-le-Clos, La-Motte-de-Galaure, Mureils, Ratières, Saint-Avit, Saint-Barthélémy-de-Vals, Saint-Martin-D'Août u Saint-Uze biss,

Fid-dipartiment ta' Isère:

— Il-cantons kollha ta': (La) Côte-Saint-André, (Le) Grand-Lemps, (Le) Pont-Beauvoisin, Pont-en-Royans, Rives, Roybon, Saint-Etienne-de-Saint-Geoirs, Saint-Geoire-en-Valdaine, Saint-Marcellin, Tullins, Vinay u Virieu,

— Il-canton ta' Saint-Jean-de-Bournay: il-communes ta' Chatonnay, Eclose, Lieudieu, Meyssies, Saint-Anne-sur-Gervonde, Saint-Jean-de-Bournay, Tramole u Villeneuve-de-Marc biss,

— Il-canton ta' Saint-Laurent-du-Pont ħlief għall-communes ta' Saint-Pierre-d'Entremont u Saint-Pierre-de-Chartreuse,

— Il-canton ta' Fontaine-Sassenage: il-commune ta' Veurey-Voroize biss,

— Il-canton ta' (La) Tour-du-Pin: il-communes ta' Montagnieu, Sainte-Blandine, Saint-Victor-de-Cessieu u Torchefelon biss,

— Il-canton ta' Villard-de-Lans ħlief għall-communes ta' Engins u Saint-Nizier-du-Moucherotte,

— Il-canton ta' Voiron: ħlief għall-commune ta' Voreppe,

Fid-dipartiment ta' Savoie:

— Il-canton ta' (Le) Pont-de-Beauvoisin: il-communes ta' Belmont-Tramonet, (La) Bridoire, Domessin, (Le) Pont-de-Beauvoisin, Saint-Beron u Verel-de-Montbel biss,

— Il-canton ta' Saint-Genix-sur-Guiers ħlief għall-communes ta' Gerbaix, Marcieux u Novalaise.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**:

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*:

Fatturi naturali

It-territorju tas-"Saint-Marcellin" huwa parti mir-reġjun ta' Bas Dauphiné, bejn il-pjanuri tar-reġjun Lyon u l-muntanji tal-franka ta' Chartreuse u tal-Punent ta' Vercors. Huwa magħmul minn għoljiet u minn meded ta' art tal-era Terzjarja maqtugħa b'widien kbar u fil-Lvant imdawra b'żoni muntanjużi. Huwa jimmarka tranżizzjoni bla xkiel bejn il-muntanja u l-pjanura, bejn l-Alpi u Provence.

Il-klima hija fil-parti l-kbira moderata, tipika tal-għoljiet, b'temperaturi medji ta' bejn id-9 °C u l-11 °C u b'ammonti ta' xita li jvarjaw bejn it-800 mm u l-1 100 mm.

Dan it-territorju huwa kkaratterizzat mill-irjieħ li jonfħu prinċipalment mit-Tramuntana għan-Nofsinhar, u li huma ankrati fl-istorja u fil-kultura tal-produtturi u tal-proċessuri. Dan ir-riħ ippermetta t-tnixxif tal-ġewż u wkoll tat-tabakk kif ukoll tal-ġobon u influwenza l-arkitettura lokali. Huwa ffavorixxa t-twaqqif inizjali u l-istabbiliment tal-azjendi tal-ġobon f'dan it-territorju kollu. Din l-istruttura ilha s-snin ma tinbidel.

Fatturi umani

It-territorju tas-“Saint-Marcellin” huwa prinċiplament wieħed rurali u ferm agrikolu, b’perċentwal għoli ta’ żoni bil-ħaxix (żona tal-għalf ta’ bejn 40 % u 80 % tal-Art Agrikola Użata). Hawnhekk, wieħed isib taħlita ta’ biedja mħallta u trobbija tal-bhejjem, irrappreżentati prinċipalment mit-tkabbir tas-siġar (b’mod partikolari s-siġar tal-ġewż, li jipproċudu d-DPO “noix de Grenoble”) u mill-produzzjoni tal-ħalib.

Il-ġobon li inizjalment kien magħruf bħala “tomme” u prodott fl-irziezet sab, b’mod naturali għall-aħħar, l-identità tiegħu fi ħdan il-belt ta’ “Saint-Marcellin”, fejn mis-seklu 15 beda jsir l-iktar suq importanti tar-reġjun.

It-tnixxif tal-ġobon, tal-ġewż (u tat-tabakk) kien megħjun mill-irjieħ li jikkaratterizzaw dan it-territorju, u din hija r-raġuni għall-preżenza tal-kmamar ta’ tnixxif għall-ġewż fiż-żona kollha. Il-kmamar tat-tnixxif għall-ġewż setgħu wkoll iservu għat-tnixxif tal-ġobon, li kienu jitqiegħdu fi qfief imdendla biex l-irjieħ jilħquhom mid-direzzjonijiet kollha msejħa “tommiers”.

Mill-1870, xi kolletturi magħrufa bħala “coquetiers” kienu bdew iduru l-irziezet f’dati regolari. Huma bdew jikkonsenjaw dan il-ġobon fiċ-ċentri l-kbar ġirien: Romans, Grenoble, Lyon, Saint-Étienne u Avignon, li minn dak iż-żmien ’l hawn baqgħu konsumaturi prinċipali ta’ dan il-ġobon. Il-bdiewa, imħeġġa b’dan, bdew jipproduċu iktar ġobon, u b’hekk żviluppaw il-kummerċjalizzazzjoni tas-“Saint-Marcellin”.

Fis-snin 20 tas-seklu l-ieħor, dawk li qabel kienu l-kolletturi żviluppaw il-manifattura tal-ġobon b’teknika tal-produzzjoni tal-ġobon li kienet ispirata minn dik tal-irziezet (baqta tal-ħalib, l-użu ta’ qwieleb identiċi …). Huwa b’hekk li fir-reġjun ta’ Saint-Marcellin tfaċċaw l-ewwel azjendi tal-ġobon wara li ġiet stabbilita l-ewwel definizzjoni uffiċjali tas-Saint-Marcellin.

Il-katina ta’ produzzjoni tas-“Saint-Marcellin” ipprovat torganizza ruħha u tipproteġi l-prodott minn stadju ferm bikri. Fil-bidu kien hemm l-Union des Fabricants du «Saint-Marcellin» (l-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi tas-“Saint-Marcellin”), imwaqqfa fl-1971 u wara l-Comité Interprofessionnel du Saint-Marcellin (il-Kumitat Interprofessjonali tas-“Saint-Marcellin”) imwaqqaf fl-1994 li jinkludi wkoll il-produtturi tal-ħalib u l-produtturi tal-azjendi. Minn dak iż-żmien ’l hawn, il-katina kollha saret involuta fil-promozzjoni tas-“Saint-Marcellin”, fit-titjib tal-kwalità u fl-istabbiliment ta’ miżuri għall-protezzjoni tal-isem.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*:

Karatteristiċi partikolari tal-ġobon

Is-“Saint-Marcellin” huwa ġobon ta’ daqs ċkejken li huwa kkaratterizzat mill-forma tiegħu ta’ ċirku bi truf li jagħtu fit-tond, minn dijametru ta’ madwar 7 cm, minn piż ta’ mill-inqas 80 gramma u minn għoli ta’ madwar 2 cm.

Mad-daqqa ta’ għajn, il-qoxra tiegħu, xi drabi xi ftit imkemxa, hija fil-parti l-kbira jew totalment mgħottija b’moffa bajda, beige jew griża tagħti fil-blu.

Meta jinqata’, il-parti interna tal-ġobon, kulur il-krema, tkun lixxa u omoġenja. Meta jittiekel, il-qoxra tiegħu bilkemm tinħass. Is-“Saint-Marcellin” artab jingħaraf mill-konsistenza li tinħall tiegħu, filwaqt li l-konsistenza tas-“Saint-Marcellin” niexef hija waħda soda.

It-togħma friska tiegħu għandha rikkezza aromatika ekwilibrata (togħma ta’ frott, ta’ għasel …) karatteristika tas-“Saint-Marcellin”, prinċipalment lattika u moderatament mielħa.

Għarfien tradizzjonali

L-għalf lokali u b’mod partikolari l-ħaxix għandu post importanti fl-għalf tal-merħla tal-ħalib, billi l-bhejjem jirgħu f’meded kbar għal perjodu minimu ta’ 180 jum fis-sena (popolazzjoni tal-azjendi limitata għal 1,4 LU/ha (unitajiet ta’ bhejjem għal kull ettaru)). Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan li jiggarantixxu livell għoli ta’ kwalità tal-ħalib użat.

Il-ħalib użat jiġi soġġett biss għal trattamenti termiċi limitati (projbizzjoni tal-pastorizzazzjoni) u ma jiġix standardizzat sabiex ikun jistgħu jiġu ppreservati l-kwalitalijiet oriġinali tiegħu kollha u sabiex ir-rikkezza aromatika tas-“Saint-Marcellin” tkun tista’ tiġi espressa.

Is-“Saint-Marcellin” jikseb l-identità sħiħa tiegħu u l-karattru tiegħu permezz ta’ teknika ta’ pproċessar speċifika, il-wirt ta’ metodi antiki. Il-karatteristiċi organolettiċi tipiċi tas-“Saint-Marcellin” jinkisbu permezz ta’ baqta tat-tip “lattiku”, li la tkun ippressata u lanqas maħduma u li tiġi xi ftit immelħa biex imbagħad titnixxef u titħalla timmatura.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra speċifiċi tal-prodott (għall-IĠP)*:

Ir-rabta mal-oriġini tas-"Saint-Marcellin" hija msejsa fuq ir-reputazzjoni tiegħu, fuq il-karatteristiċi partikolari tal-ġobon kif ukoll fuq l-għarfien tradizzjonali.

Il-produzzjoni tas-"Saint-Marcellin" hija bbażata fuq prattiki storiċi ta' trobbija tal-bhejjem (biedja mħallta u wkoll trobbija tal-bhejjem) u ta' pproċessar li huma marbuta mill-qrib mal-ambjent naturali:

— l-importanza tal-mergħa u l-għalf lokali fl-alimentazzjoni tal-annimali minħabba l-meded kbar tal-għalf preżenti fiż-żona ġeografika;

— in-natura mirjieħa taż-żona ġeografika li kkundizzjonat it-tradizzjoni tal-konservazzjoni tal-ġobon bit-tnixxif u bil-maturazzjoni.

Dawn il-kundizzjonijiet kollha ffavorixxew l-iżvilupp tal-produzzjoni ta' ġobon ċkejken li minn ferm kmieni kiseb l-isem ta' "Saint-Marcellin" (mis-seklu 15) billi ħa l-isem tas-suq prinċipali ta' dak iż-żmien. L-ewwel drabi li ssemma s-"Saint-Marcellin" kien fil-kontabbiltà tal-amministrazzjoni ta' Louis XI (is-seklu 15).

Mill-1935, il-ġobon "Saint-Marcellin" ġie deskritt uffiċjalment fi Franza fuq it-talba tal-operaturi taż-żona. Id-definizzjoni saret uffiċjali fl-1942, u nbidlet diversi drabi. Ilha sa mill-1980 tikkonforma mal-ispeċifikazzjoni attwali: "dijametru ta' madwar 70 millimetru, b'għoli ta' bejn l-20 millimetru u l-25 millimetru, jiżen mill-inqas 80 gramma, manifatturat bil-ħalib tal-baqra miżjud bit-tames, bil-parti interna ratba, li la hija maħduma u lanqas ippressata, hija ftit immelħa imma magħha la jiġu miżjuda ħwawar u lanqas taħwir […]". Din id-deskrizzjoni ppermettiet l-iżvilupp ikkontrollat tal-produzzjoni tas-"Saint-Marcellin".

Il-festa tas-"Saint-Marcellin" kif ukoll il-mużew tas-"Saint-Marcellin" u l-parteċipazzjoni tal-Comité pour le Saint-Marcellin fil-wirjiet agrikoli lokali u nazzjonali wasslu biex il-prodott iżomm ir-reputazzjoni tiegħu.

Xhieda tar-reputazzjoni attwali tas-"Saint-Marcellin" hija l-preżenza tiegħu f'għadd ta' menus gastronomiċi tar-restoranti ta' Dauphiné u tal-bliet ġirien (Lyon, Grenoble, u Saint-Étienne): huwa jista' jiġi ppreżentat fil-platt tal-ġobon jew sħun fuq l-insalati, f'ikel tal-għaġina jew "en gratin" … . "L'inventaire du patrimoine culinaire français" (l-inventarju tal-patrimonju kulinarju Franċiż, edizzjoni Rhône-Alpes) tal-1995, jikkonferma din ir-reputazzjoni u jiddedika artiklu lis-"Saint-Marcellin".

Bħalissa, l-isem "Saint-Marcellin" jintuża b'mod wiesa' mis-seba' azjendi tal-ġobon taż-żona tal-produzzjoni, kif jixhdu l-eżempji tat-tikketti pprovduti, u huwa magħruf sew kemm fuq il-livell reġjonali kif ukoll lil minn hekk. Fil-fatt, il-produzzjoni tal-2008 kienet ta' 35,5 miljun ġobon ittikkettati "Saint-Marcellin".

L-istorja antika ta' dan il-ġobon u d-definizzjoni bikrija tiegħu ppermettew l-iżvilupp ta' dan il-ġobon mingħajr ma ntilfet l-identità tiegħu. Illum, minħabba l-koeżjoni tal-katina ta' produzzjoni u l-identifikazzjoni tiegħu mat-territorju u mal-għarfien lokali, ir-reputazzjoni tas-"Saint-Marcellin" hija affermata sew fuq il-livell nazzjonali, minkejja li l-produzzjoni baqgħet prinċipalment lokalizzata fl-inħawi minn fejn oriġina.

**Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni**:

(L-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCIGPSaint-MarcellinV2.pdf

PROĊEDURI TAL-QORTI

## Qorti tal-EFTA

2012/C 384/13 L-għamla tal-Qorti tal-EFTA – Il-Ħatra tar-Reġistratur tal-Qorti tal-EFTA ............................ 15

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

## Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 384/14 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6747 – Energie Steiermark/Steweag-Steg) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ............................................... 16

ATTI OĦRAJN

## Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 384/15 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ......................................................................... 17

2012/C 384/16 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ......................................................................... 21

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT